MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## SHTERN GROUP - https://www.shterngroup.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar entità li qed topera bl-isem ta' **Shtern Group** u li tuża l-website https://www.shterngroup.com/. Għalkemm din l-entità qed tippreżenta lilha nfisha daqs li kieku qeda topera minn indirizz f'Malta, l-MFSA tavża li dan mhux il-każ. Mill-informazzjoni disponibbli għand l-MFSA, **Shtern Group** jidher li qed toffri firxa ta' servizzi ta' *trading* li jinkludu "*forex,*" "*CFDs*" u "*binary options*."

L-MFSA tixtieq tavza lill-pubbliku f'Malta u barra, li **Shtern Group MHIX** liċenzjata jew awtorizzata b'ebda mod ieħor mill-MFSA biex tipprovdi l-ebda tip ta' servizz finanzjarju f'Malta jew minn Malta, li għalih hija meħtieġa li tkun liċenzjata jew awtorizzata skont il-liġi Maltija. Barra minn hekk, informazzjoni disponibbli għand l-MFSA tissuġġerixxi li **Shtern Group** aktarx li hija skema ta' natura dubjuża b'ċans kbir ta' telf ta' flus. Għalhekk, il-pubbliku għandu jibqa' lura milli jidħlu f'negozju jew jagħmlu transazzjonijiet ma' din l-entità.

L-MFSA tappella lill-investituri u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jaċċertaw lilhom infushom li l-entità li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 02-2018**
**12 ta' Marzu 2018**